

Brussell, 19 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7515/26  
ADD 1

RECH 133  
DRS 11  
COMPET 351  
IND 196  
MI 269

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1800 annex
Suġġett:	ANNESS tar- RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 1800 annex.

Mehmuż: C(2026) 1800 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.3.2026  
C(2026) 1800 final

ANNEX

**ANNEX**

**tar-**

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi**

## ANNEX

### **DEFINIZZJONI TA' INTRAPRIŻI INNOVATTIVI, STARTUPS INNOVATTIVI U SCALEUPS INNOVATTIVI**

#### **1. Introduzzjoni**

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “kostijiet operatorji” tfisser il-kostijiet imġarrba mill-intrapriża matul l-operazzjonijiet kummerċjali normali tagħha, li jikkonsistu mill-kostijiet kollha meħtieġa għall-produzzjoni ta' oġġetti u għall-forniment ta' servizzi matul il-perjodu kontabilistiku, inklużi kostijiet bħall-kostijiet tal-persunal, tal-materjali, tas-servizzi kuntrattati, tal-komunikazzjoni, tal-enerġija, tal-manutenzjoni, tal-kera, tal-amministrazzjoni, iżda esklużi l-finanzjament u l-entrati tat-taxxa;
- (b) “bejgħ nett” tfisser l-ammonti derivati mill-bejgħ ta' prodotti u l-forniment ta' servizzi wara li jitnaqqsu l-iskonti fuq il-bejgħ u t-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi oħra direttament marbuta mal-fatturat;
- (c) “riċerka u żvilupp” tfisser kwalunkwe xogħol li jaqa' taħt il-kategorija ta' riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali kif definit fl-Artikolu 2, il-punti (84), (85) u (86), tar-Regolament (UE) Nru 651/2014<sup>1</sup>, rispettivament. ;
- (d) “intrapriża” tfisser kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrISPettivament mill-forma legali tagħha, inkluż sħubiji jew assoċjazzjonijiet regolament involuti f'attività ekonomika.

#### **2. Intrapriża innovattiva**

2.1. “Intrapriża innovattiva” hija intrapriża li tissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- (a) f'mill-inqas sena waħda mit-3 snin finanzjarji preċedenti, tkun ġarrbet kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp li jirrappreżentaw mill-inqas 10 % tal-kostijiet operatorji totali tagħha jew mill-inqas 5 % tal-bejgħ nett totali tagħha;
- (b) bl-oġġettiv tal-kummerċjalizzazzjoni, fl-aħħar tliet snin, tkun żviluppat, qed tiżviluppa jew fil-futur prevedibbli se tiżviluppa bl-għan tal-kummerċjalizzazzjoni, prodotti, servizzi jew proċessi tan-negozju, li huma ġodda jew imtejba sostanzjalment meta mqabbla mal-oġġla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija tagħha, u li jgħorru riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali.

2.2. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp imsemmija fil-punt 2.1 (a), il-kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp għandhom jikkunsidraw il-kostijiet li ġejjin:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat Test b'rilevanza għaż-ŻEE. ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1–78, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj>

- (a) il-kostijiet tal-persunal, inkluż il-kostijiet marbutin mar-riċerkaturi, it-tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ sakemm ikunu impjegati fuq proġetti ta' riċerka u żvilupp;
- (b) il-kostijiet ta' strumenti u tagħmir għall-proġett ta' riċerka u għall-użu matul il-perjodu tal-proġett ta' riċerka u żvilupp; jekk tali strumenti u tagħmir ma jintużawx għat-tul ta' ħajjithom kollha għall-proġetti, għandhom jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġetti, kif ikkalkulati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati;
- (c) il-kostijiet għall-binjiet u għall-artijiet, sa fejn dawn jintużaw għall-proġetti ta' riċerka u żvilupp u għad-durata tal-użu tagħhom; fir-rigward tal-binjiet, il-kostijiet ta' deprezzament biss li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġetti, kif ikkalkulati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati; għall-artijiet, il-kostijiet tat-trasferiment kummerċjali jew il-kostijiet tal-kapital realment imġarrba;
- (d) il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u l-privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet normali tas-suq, kif ukoll il-kostijiet tal-konsulenza u s-servizzi ekwivalenti użati esklużivament għal proġetti ta' riċerka u żvilupp;
- (e) il-kostijiet ġenerali addizzjonali u kostijiet operattivi oħra, li jinkludu kostijiet ta' materjali, fornimenti u prodotti simili, magħmula direttament bħala riżultat ta' proġetti ta' riċerka u żvilupp.

### 3. **Startup innovattiva**

“Startup innovattiva” hija intrapriża li tissodisfa l-kriterji li ġejjin kollha:

- (a) tkun intrapriża innovattiva skont it-tifsira tal-punt 2;
- (b) tkun intrapriża innovattiva skont it-tifsira tal-punt 5.1.
- (c) tkun intrapriża li timpjega inqas minn 100 persuna u li l-fatturat annwali tagħha jew it-total tal-karta bilanċjali tagħha, jew it-tnejn, ma jkunux jaqbżu l-EUR 10 miljun;
- (d) tkun ilha topera għal inqas minn 10 snin wara r-reġistrazzjoni tagħha.

### 4. **Scaleup innovattiva**

“Scaleup innovattiva” hija intrapriża li tissodisfa l-kriterji li ġejjin kollha:

- (a) tkun intrapriża innovattiva skont it-tifsira tal-punt 2;
- (b) tkun intrapriża innovattiva skont it-tifsira tal-punt 5.1;
- (c) tkun intrapriża li l-fatturat annwali tagħha jew it-total tal-karta tal-bilanċ tagħha, jew it-tnejn li huma, jaqbżu l-EUR 10 miljun;
- (d) tkun intrapriża li ż-żieda annwali medja tagħha fl-għadd ta' impjegati jew fid-dħul taqbeż l-20 % matul is-sentejn preċedenti;

- (e) Tissodisfa mill-inqas wieħed miż-żewġ kriterji li ġejjin:
  - (i) tkun intrapriża li timpjega inqas minn 750 persuna;
  - (ii) ma tkunx ikkwotata pubblikament.

## 5. **Tipi ta' intrapriżi meqjusin fil-kalkolu tal-għadd tal-persunal u tal-ammonti finanzjarji**

- 5.1. “Intrapriża awtonoma” hi kwalunkwe intrapriża li mhix ikklassifikata bħala intrapriża sieħba skont it-tifsira tal-punt 5.2 jew bħala intrapriża assoċjata skont it-tifsira tal-punt 5.5.
- 5.2. “Intrapriżi sħab” huma l-intrapriżi kollha li mhumiex ikklassifikati bħala intrapriżi assoċjati skont it-tifsira tal-punt 5.4, u li fosthom intrapriża waħda (intrapriża upstream) ikollha, waħedha jew flimkien ma' intrapriża assoċjata waħda oħra jew aktar, skont it-tifsira tal-punt 5.5, 25 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot ta' intrapriża oħra (intrapriża downstream).
- 5.3. Għajr fil-każijiet stabbiliti fil-punt 5.4, intrapriża ma titqiesx bħala startup innovattiva jew scaleup innovattiva jekk 25 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot tagħha huma kkontrollati direttament jew indirettament, b'mod konġunt jew individwalment, minn korp pubbliku wieħed jew aktar.
- 5.4. B'deroga mill-punt 5.2, intrapriża tista' tiġi kklassifikata bħala awtonoma, jiġifieri li ma għandhiex intrapriżi sħab, anke jekk 25 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot tagħha jkunu miżmuma minn dawn l-investituri li ġejjin, dment li dawk l-investituri ma jkunux assoċjati individwalment jew b'mod konġunt skont it-tifsira tal-punt 5.5 mal-intrapriża inkwistjoni:
  - (a) korporazzjonijiet ta' investiment pubbliku, fondi tal-kapital tar-riskju jew fondi tal-ekwiżità privati, individwi jew gruppi ta' individwi b'attività regolari ta' investiment fil-kapital tar-riskju li jinvestu l-kapital tal-ekwiżità f'negozji mhux ikkwotati (l-hekk imsejħa “business angels”), dment li l-investment totali ta' dawk l-investituri informali fl-istess intrapriża jkun inqas minn EUR 5 000 000;
  - (b) universitajiet jew ċentri tar-riċerka bla skop ta' qligħ;
  - (c) investituri istituzzjonali, inkluż il-fondi għall-iżvilupp reġjonali;
  - (d) awtoritajiet lokali awtonomi b'baġit annwali ta' inqas minn EUR 10 miljun u b'inqas minn 5 000 abitant
- 5.5. “Intrapriżi assoċjati” huma intrapriżi li bejniethom għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:
  - (a) intrapriża waħda jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;
  - (b) intrapriża waħda jkollha d-dritt li taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, tat-tmexxija jew tas-sorveljanza ta' intrapriża oħra
  - (c) intrapriża waħda jkollha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet għalih ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut tal-assoċjazzjoni tagħha

- (d) intrapriża li tkun azzjonista jew membru f'intrapriża oħra, u li waħedha tikkontrolla, skont ftehim mal-azzjonisti l-oħra jew mal-membri l-oħra f'dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża

Hemm preżunzjoni li ma jkun hemm l-ebda influwenza dominanti jekk l-investituri msemmin fil-punt 5.4 ma jkunux huma stess involuti direttament jew indirettament fit-tmexxija tal-intrapriża kkonċernata, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħhom bħala azzjonisti.

5.5.1. Anki l-intrapriżi li jkollhom xi waħda mir-relazzjonijiet imsemmin fil-punt 5.5 permezz ta' intrapriża oħra, waħda jew aktar, jew xi wieħed mill-investituri msemmin fil-punt 5.4, jitqiesu assoċjati.

5.5.2. Anki l-intrapriżi li għandhom xi waħda jew aktar minn dawn ir-relazzjonijiet stabbiliti fil-punt 5.5 hawn fuq permezz ta' persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi li jaġixxu flimkien jitqiesu intrapriżi assoċjati jekk iwettqu l-attività tagħhom jew parti minnha fl-istess suq rilevanti jew fi swieq qrib. Għall-fini ta' dan il-punt, "suq qrib" tfisser is-suq ta' prodott jew servizz li jkun jinsab direttament upstream jew downstream tas-suq rilevanti.

L-intrapriżi jistgħu jiddikjaraw l-istatus tagħhom bħala intrapriża awtonoma, intrapriża sieħba jew intrapriża assoċjata, inkluż data dwar il-limiti massimi stabbiliti fil-punti 2, 3 u 4.

5.5.3. Meta fond tal-investment alternattiv kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2011/61/UE<sup>2</sup> ikun investa f'intrapriża, dawn li ġejjin m'għandhomx jitqiesu bħala "intrapriżi assoċjati" għall-finijiet tal-punt 5.5. ta' dan l-Anness:

- (a) dik l-intrapriża u dak il-fond tal-investment alternattiv;
- (b) dik l-intrapriża u l-manijer ta' dak il-fond tal-investment alternattiv
- (c) dik l-intrapriża u intrapriża oħra li fiha jkun investa dak il-fond tal-investment alternattiv.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt japplika dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) il-fond tal-investment alternattiv u l-manijer tiegħu, u l-intrapriżi kkonċernati jkunu jżommu rekords kontabilistiċi separati;
- (b) il-fond tal-investment alternattiv u l-manijer tiegħu ikollhom strateġija tal-investment definita minn qabel biex joħorġu mill-intrapriża/i kkonċernati, inkluż billi jirrealizzaw il-valur tagħhom bil-bejgħ tal-intrapriża jew b'mezzi oħra

Din id-dikjarazzjoni tista' ssir anki jekk il-kapital ikun mifrux b'tali mod li ma jkunx jista' jiġi stabbilit eżattament f'idejn min jinsab, f'liema każ l-intrapriża tista' tiddikjara in bona fide li tista' tippreżumi b'mod leġittimu li 25 % jew aktar tal-kapital tagħha mhumiex il-proprjetà ta' intrapriża waħda, jew mhuwiex proprjetà konġunta ta' intrapriżi assoċjati ma' xulxin. Dawn id-dikjarazzjonijiet isiru mingħajr preġudizzju għall-kontrolli u l-investigazzjonijiet previsti mir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni.

---

<sup>2</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099 tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi zġhar b'kapitalizzazzjoni medja. ĠU L, 2025/1099, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2025/1099/oj>

## 6. **Id-data użata għall-għadd tal-persunal, l-ammonti finanzjarji u l-perjodu ta' referenza**

- 6.1. Id-data li trid tintuża fil-kalkolu tal-għadd tal-persunal u tal-ammonti finanzjarji hi dik dwar l-aħħar perjodu kontabilistiku approvat u tiġi kkalkulata fuq bażi annwali. Dawn jiġu kkunsidrati mid-data tal-għeluq tal-kontijiet. L-ammont magħżul għall-fatturat hu kkalkulat mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi indiretti oħra.
- 6.2. Meta, fid-data tal-għeluq tal-kontijiet, l-intrapriża ssib li, fuq bażi annwali, tkun qabżet jew niżlet taħt il-limiti tal-għadd tal-impjegati jew il-limiti finanzjarji massimi msemmija fil-punt 2, dan ma jwassalx għat-telf jew għall-kisba tal-istatus ta' intrapriża innovattiva, dment li daww il-limiti massimi ma jinqabżux f'żewġ perjodi kontabilistiċi konsekuttivi.
- 6.3. Fil-każ ta' intrapriża ġdida li l-kontijiet tagħha jkun għadhom ma ġewx approvati, id-data li trid tintuża għandha tittieħed minn stima in bona fide li tkun saret tul is-sena finanzjarja.

## 7. **L-għadd tal-persunal**

- 7.1. L-għadd tal-impjegati jikkorrispondi mal-għadd ta' persuni li ħadmu full-time fl-intrapriża inkwistjoni jew f'isimha tul is-sena ta' referenza kollha li tkun qed titqies ("unitajiet tax-xogħol annwali"). Ix-xogħol tal-persuni li ma jkunux ħadmu s-sena sħiħa, ix-xogħol ta' daww li jkunu ħadmu part-time, irrispettivament għal kemm żmien, u x-xogħol tal-ħaddiema staġunali jingħaddu bħala frazzjonijiet tal-unitajiet tax-xogħol annwali. Il-persunal jikkonsisti f'dan li ġej:
  - (a) Impjegati;
  - (b) il-persuni li jaħdmu għall-intrapriża li taqa' taħtha u li jitqiesu bħala impjegati tagħha skont il-liġi nazzjonali;
  - (c) il-manigiers sidien;
  - (d) is-sħab involuti f'attività regolari fl-intrapriża u li jibbenefikaw minn vantaġġi finanzjarji mill-intrapriża.
- 7.2. L-apprendisti jew l-istudenti involuti f'taħriġ vokazzjonali skont kuntratt tal-apprendistat jew tat-taħriġ vokazzjonali mhumiex inklużi mal-persunal. It-tul taż-żmien tal-liv tal-maternità jew tal-ġenituri ma jingħaddx.

## 8. **Biex tiġi stabbilita d-data ta' intrapriża**

- 8.1. Fil-każ ta' intrapriża awtonoma, id-data, inkluż l-għadd tal-persunal, tiġi stabbilita esklussivament abbażi tal-kontijiet ta' dik l-intrapriża.
- 8.2. Id-data, inkluż l-għadd tal-persunal, ta' intrapriża li għandha intrapriżi sħab jew intrapriżi assoċjati magħha, kif imsemmi fil-punt 5, tiġi stabbilita abbażi tal-kontijiet jew ta' data oħra tal-intrapriża jew, meta jeżistu, abbażi tal-kontijiet ikkonsolidati tal-

intrapriża, jew tal-kontijiet ikkonsolidati li fihom l-intrapriża tkun inkluża b'konsolidament.

Mad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt tiżdied id-data ta' kull intrapriża sieħba mal-intrapriża inkwistjoni li tkun tinsab immedjatament upstream jew downstream tagħha. L-aggregazzjoni ssir b'mod proporzjonat mal-persentaġġ tal-parteċipazzjoni fil-kapital jew fid-drittijiet tal-vot, skont liema minnhom ikun l-akbar. Fil-każ ta' parteċipazzjonijiet inkroċjati, għandu japplika l-akbar persentaġġ minn fosthom.

Mad-data msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu ta' dan il-punt tiżdied 100 % tad-data ta' kull intrapriża assoċjata direttament jew indirettament mal-intrapriża inkwistjoni, dment li dik id-data ma tkunx diġà ġiet inkluża fil-kontijiet permezz tal-konsolidament.

- 8.3. Għall-applikazzjoni tal-punt 8.2, id-data tal-intrapriżi sħab tal-intrapriża inkwistjoni tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-data l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' dik id-data tiżdied 100 % tad-data tal-intrapriżi assoċjati ta' dawn l-intrapriżi sħab, dment li d-data tal-kontijiet tagħhom ma tkunx diġà ġiet inkluża fil-kontijiet permezz tal-konsolidament.

Biex jiġi applikat il-punt 8.2, id-data tal-intrapriżi assoċjati tal-intrapriża inkwistjoni tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-data l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' din id-data tiżdied, *pro rata*, id-data ta' kull intrapriża sieħba possibbli ta' dik l-intrapriża assoċjata, li tkun immedjatament upstream jew downstream minnha, dment li ma tkunx diġà ġiet inkluża fil-kontijiet ikkonsolidati b'persentaġġ imqar proporzjonat għall-persentaġġ identifikat fil-punt 8.2, it-tieni paragrafu.

- 8.4. Meta fil-kontijiet ikkonsolidati ma tkun tidher l-ebda data dwar il-persunal ta' intrapriża partikolari, din tiġi kkalkulata b'aggregazzjoni proporzjonata tad-data mingħand l-intrapriżi sħab tagħha u tiżdied id-data mingħand l-intrapriżi li magħhom tkun assoċjata l-intrapriża inkwistjoni.